# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 2.10

## Kap 2: Qatt Ma Jien Waħdi

## Lezzjoni 2.10 – Nimxi Wara l-Imgħallem

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jitgħallmu kif jimxu wara Ġesù  permezz ta' eżempji konkreti.



**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Song: *Nisrani Dejjem*

  https://www.youtube.com/watch?v=XvTXJ2NK1Jg&spfreload=10

- Song : *I'll follow Jesus*
  https://www.youtube.com/watch?v=Dx6RWOuF1M8&spfreload=10



## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

1. Fakkar f'dak li jkun intqal fil-lezzjoni ta' qabel. Għid lit-tfal: "Semmejna ħafna kwalitajiet li bihom nistgħu nferrħu lil ħaddieħor. Iżda kif nista' nuri lil xi ħadd li jien Nisrani, li nimxi wara Ġesù?"
2. Nisimgħu s-song *Nisrani Dejjem.*



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Iddiskuti mat-tfal dak li jkunu semgħu fis-*song*. Allura ddiskuti magħhom kif ser ikunu Nsara tassew u x'iġifieri li jkunu Nsara kull fejn ikunu.

2. Fakkar dan :
   - Ġesu għallimna nduru lejh u nitolbu - kif kien jagħmel hu.
   - Għallimna nafdawh fih f'mumenti diffiċli.
   - Għallimna nużaw it-talenti tagħna għall-ġid ta' ħaddieħor.
   - Għallimna wkoll nkunu xhieda tiegħu u nitkellmu fuqu - ma nistħux nuru li nemmnu fih, ma nistħux irroddu s-salib, nitolbu quddiem ħaddieħor, nirċevuh fl-Ewkaristija.



3. Agħlaq bis-song: *I will follow Jesus.*

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Nimxu wara Ġesu' tabilħaqq meta nduru lejh u nitolbuh, nittamaw fih, nitolbuh jaħfrilna, nirċevuh fl-Ewkaristija u ngħinu lil ħaddieħor.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal jagħzlu li jimxu wara Ġesù bħala għażla.
- Biex jagħmlu dan, jistaqsu ta' spiss: "Kieku Ġesù kien minfloki, x'kien jagħmel?"



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



- Song: *Nisrani Dejjem*

  https://www.youtube.com/watch?v=XvTXJ2NK1Jg&spfreload=10

- Song : *I'll follow Jesus*
  https://www.youtube.com/watch?v=Dx6RWOuF1M8&spfreload=10

## Nitolbu

Ġesù, kemm nixtieq nimxi warajk f'kull mument ta' ħajti. Għallimni nħobb dejjem anke lil dawk in-nies li ma tantx immur tajjeb magħhom.

